# IN-NUFFARA

Ingerrex bi kruhiti,
Qasba msewsa għadmi
U ġismi għorma tiben tal-qatta
Mlaħlah f'perpura safra.
Ix-xemx tisreġ tgħammex,

Ir-riħ, ix-xita tvenver
Nixtieqhom jikluli għajnejja
Għax kieku ħarsti vojta
Ma narax wara l-ġlieda l-ħerba,
L-iġsma mtertqa,
Id-demm sħun iċarċar
Nixxija mill-arterja t'elf żgħażugħ;
L-anqas nisma' l-karba, il-leħġa
Ta' qlub maqsuma.
L-għasafar sbieħ naffarthom
U issa mikdud u mifni
Għax kullimkien ħerba.
Ħerba!
Qafas iswed skeletru msallab,
Siġra għarwiena mxawta;
Ħamien abjad għonqu mħanxar
Imdaħħal mal-ħadid imxeblek;
Ruħ imbiċċra weħidha
Tingħi u tnin fix-xagħri;
Fuq bejt kelb tal-kaċċa għassa
Jilheġ bl-għatx;
Tarbija ta' ftit jiem ħadra mdewda
Titmermer fuq munzell żibel jinten.
Ġeremija b'elmu ta' l-azzar għarbiel u mgħattan
Jibki fuq belt imġarrfa.